# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 15 ta' April 2020**

## Talba numru 364/2018SFJ

***Philip Agius & Sons Limited (C35991)***

***vs.***

***Chet Bros. Limited (C17015) u b'digriet tat-13 ta' Frar 2019 ġie msejjaħ fil-kawża Clint Chetcuti***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> *"Is-somma ta' tmien mija, sitta u disgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€896.52) rappreżentanti l-bilanċ ta' kumpens dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà esponenti għal servizzi ta' dumping ta' materjal ta' bini reżi lis-soċjetà konvenuta mis-soċetà esponenti fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta stess u dan skont ma jirriżulta mill-fattura, mid-delivery notes u mill-istatement hawn annessi bħala Dok. 'PAS1', Dok. 'PAS2' u Dok. 'PAS3' rispettivament.*
>
> *Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.*
>
> *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, is-soċjetà esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-istess soċjetà esponenti s-somma ta' tmien mija, sitta u disgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€896.52) rappreżentanti l-bilanċ ta' kumpens dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà esponenti għal servizzi ta' dumping ta' matejral tal-bini reżi lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà esponenti fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta stess kif fuq premess.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-14 ta' Jannar 2017, id-data tal-fattura (Dok. 'PAS1'), sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fis-16 ta' Jannar 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"*Illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, inter alia, għal dawn il-motivi:*

1. *Illi preliminarjament, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, dawk segwenti u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, is-soċjetà eċċipjenti m'għandu ebda relazzjoni ġuridika, la diretta u lanqas indiretta, mal-attriċi fir-rigward tal-ilmenti minnha mressqa stante li dawn jikkonċernaw materja u kwestjonijiet li l-preżenti eċċipjenti m'għandha ebda kapaċità proċesswali li tirrispondi u/jew tirrimedja għalihom kif domandat mill-istess attriċi. Fil-fatt, l-eċċipjenti għandha tiġi liberata ab observantia iudici billi inter alia:*

    1.1 *Id-debitu reklamat ġie kuntrattat mit-terz Clint Chetcuti ad insaputa u mingħajr il-kunsens tas-soċjetà eċċipjenti;*

    1.2 *Is-soċjetà eċċipjenti għalkemm kellha relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà attriċi dejjem ħallset a saldu kull debitu minnha dovut, b'dan li d-debitu reklamat f'dawn il-proċeduri ma jirrigwardax negozju li seħħ bejn is-soċjetà eċċipjenti u s-soċjetà attriċi iżda negozju li seħħ bejn is-soċjetà attrici u l-imsemmi Clint Chetcuti;*

    1.3 *Illi fil-fatt, l-eċċipjenti ma ħadet ebda benefiċċju min-negozju kuntrattat bejn is-soċjetà attriċi u l-istess Clint Chetcuti, tant li kienet għal kollox estranea mill-istess u m'għandhiex tiġi tenuta tħallas għal dak kuntrattat minn terzi a benefiċċju tagħhom;*

2. *Illi, preliminarjament bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, dawk segwenti u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, hu obbligu tal-attriċi li tressaq provi tajbin, suffiċjenti u relevanti in sostenn tal-allegazzjonijiet minnha mressqa;*

3. *Illi f'kull każ u fuq il-mertu għandu jirriżulta li l-azzjoni tal-attriċi hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li d-debitu pretiż mis-soċjetà attriċi mhux dovut mill-eċċipjenti tant li din l-azzjoni għandha tiġi sommarjament miċħuda bl-ispejjeż in kwantu diretta fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra skont il-liġi u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-eċċipjenti skont il-liġi.*"

Ra li għad li l-kjamat fil-kawża ġie innotifikat fit-23 ta' Frar 2019 (ara l-verbal tal-1 ta' April 2019 li jinsab a fol. 23), dan ma ppreżenta ebda Risposta. Inoltre, fil-verbal tas-6 ta' Mejju 2019 (fol. 26) reġa' ġie nnutat li l-kjamat fil-kawża kien għadu ma ppreżenta ebda Risposta.

Ra li fil-fatt, il-kjamat fil-kawża qatt ma ppreżenta Risposta.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-2 ta' Marzu 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' April 2020.

**Provi ppreżentati**

Fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2019 xehed **Mario Agius**, li huwa direttur tas-soċjetà attriċi u li kien prodott mill-istess soċjetà attriċi. Huwa beda biex spjega li d-dokument li jinsab a fol. 2 tal-proċess huwa *invoice* maħruġa mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta għall-ammont ta' €896.52. Is-soċjetà attriċi kienet toffri servizzi ta' riċiklaġġ ta' materjal u ħaddieħor, bi ħlas, kien jieħu l-materjal għand is-soċjetà attriċi għar-riċiklaġġ. L-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni kien ammont li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud irrefera għal dan l-ammont bħala "*dumping charges*".

Agius qal li d-dokumenti li jinsabu a fol. 3, 4 u 5 tal-proċess huma *weighing chits* li jirrappreżentaw il-kont kollu filwaqt li d-dokument a fol. 6 kien *spreadsheet* li jindika l-ammont ta' €759.00 (esklużа t-taxxa fuq il-valur miżjud).

Ix-xhud qal li f'Novembru tal-2017, id-direttur tas-soċjetà konvenuta żar l-uffiċċju tas-soċjetà attriċi sabiex iħallas xi ammonti pendenti. Kif ra dan, Agius sejjaħlu u nfurmah bl-ammont ta' €759.00 li skont is-soċjetà attriċi kien pendenti wkoll u kien ilu pendenti minn Jannar 2017. Huwa dan l-ammont li jifforma l-mertu ta' din l-azzjoni.

Id-direttur tas-soċjetà konvenuta aċċetta li kellu jħallas xi ammonti oħrajn (jiġifieri dawk l-ammonti li kien mar speċifikament biex iħallas) iżda ċaħad li l-ammont allegatament pendenti minn Jannar 2017 kien dovut mis-soċjetà konvenuta. Skont Agius, id-direttur tas-soċjetà konvenuta qal li għalkemm il-*weighing chits* kienu jirreferu għat-trakk tas-soċjetà konvenuta, ma kinitx is-soċjetà konvenuta li kellha tħallas għax ma kienx hu li ġab il-materjal relattiv. Agius qal li d-direttur tas-soċjetà konvenuta tah il-*logbook* tat-trakk (dokument JF1 li jinsab a fol. 36). Jidher li t-trakk in kwistjoni għandu n-numru ta' reġistrazzjoni BBD946 u huwa rreġistrat fuq Spiro sive Dione Chetcuti (266265M).

Chetcuti baqa' jinsisti li s-soċjetà konvenuta ma kinitx debitriċi tas-soċjetà attriċi. Meta ra dan, Agius iddeċieda li jagħmel rapport fl-Għassa billi emmen li kellu l-provi kollha li daħal it-trakk tas-Sur Chetcuti u kien Chetcuti stess li kkonferma dan. Agius spjega li l-verżjoni mogħtija minn Chetcuti kienet li xi ħadd seraq il-pjanċi (*registration plates*) tat-trakk.

Mix-xhieda ta' Mario Agius jidher li kien hemm aktar minn okkażjoni waħda fejn hu u Chetcuti marru l-Għassa. Chetcuti ċempel lil terz u donnu dan it-terz aċċetta li jħallas l-ammont relattiv. Madankollu, wara xi żmien, Chetcuti ta n-numru tat-terz lil Agius iżda dan it-terz qal (bit-telefon) li ma riedx iħallas u li ma kienx ser iħallas għax-xogħol ta' ħaddieħor. L-isem tat-terz ma ġiex mogħti.

Ir-riżultat ta' dan kien li dan l-ammont dejjem baqa' pendenti. Chetcuti kien mar għand Agius iħallas għal affarijiet oħra f'okkażjonijiet oħra iżda l-pendenza mertu ta' din il-kawża dejjem baqgħet pendenti.

Fl-istess seduta sar il-kontro-eżami tax-xhud.

In kontro-eżami, meta mistoqsi kif is-soċjetà attriċi ddeċidiet li l-vjaġġi li għalihom kienu qed jintalbu l-pagamenti saru mis-soċjetà konvenuta, Agius wieġeb li meta jidħol trakk, tittieħed nota tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-trakk kif ukoll ta' min ikun is-sid tat-trakk. Dan kollu jsir fuq karta li tkun iffirmata. F'dan il-każ partikolari, il-karta relattiva ġiet iffirmata mis-sewwieq. Il-proċedura kienet li meta jidħol it-trakk bil-materjal, jintiżen, jittieħdu d-dettalji, is-sewwieq imur l-uffiċċju, tiġi pprintjata l-karta tal-miżien u s-sewwieq jiffirma. Wieħed mid-dettalji identifikatorji huwa wkoll l-isem tal-kumpanija li jkun indikat fuq it-trakk. Meta

trakk jiġi regolarment u tali trakk ikun jappartjeni lil kumpanija partikolari, dan jindara u faċli jkun stabbilit min hu s-sid tat-trakk.

Agius qal li meta jiġi trakk bi pjanċi partikolari, is-soċjetà attriċi toqgħod fuq id-dettalji bħan-numru tar-reġistrazzjoni, l-isem stampat fuq it-trakk u l-eventwali firma tas-sewwieq fuq iċ-*chit* sabiex tistabbilixxi ta' min hu t-trakk. Ma jsirux verifiki ulterjuri. Rigward il-vjaġġ partikolari li wassal għall-pendenza mertu ta' din il-kawża, Agius ma kienx jaf min iffirma ċ-*chit* relattiva. Agius seta' biss jikkonkludi li din kienet tas-soċjetà konvenuta minħabba l-pjanċi tat-trakk u minħabba t-trakk innifsu li ġie użat. Agius lanqas ma kien jaf jekk min iffirma kienx awtorizzat jagħmel dan mis-soċjetà konvenuta. Agius seta' jgħid biss li kien trakk tas-soċjetà konvenuta. L-uniku rabta bejn min iffirma għall-vjaġġ u l-kont kienet biss il-pjanċi tat-trakk partikolari.

Ix-xhud kompla jispjega li Dione Chetcuti, direttur tas-soċjetà konvenuta, għamel diversi pagamenti qabel bdiet din il-kwistjoni kif ukoll wara li bdiet din il-kwistjoni. Dan kien l-uniku kont pendenti li kien hemm xi problemi dwaru. Ħlief għal dan il-kont, kollox kien imħallas.

F'dan il-punt, fuq suġġeriment tal-avukat patroċinanti s-soċjetà konvenuta, ix-xhud spjega li x-xogħol donnu nġieb minn terz iżda permezz ta' trakk li jappartjeni lis-soċjetà konvenuta.

Meta ġie ssuġġerit lix-xhud li dan it-terz kien ċertu Clint Chetcuti, ix-xhud wieġeb fis-sens li hu ma kellux konoxxenza personali tal-identità tat-terz iżda kien jaf li dan l-isem ġie msemmi fl-Għassa meta saru konverżazzjonijiet bit-telefon li kienu jinvolvu kemm lil Dione Chetcuti kif ukoll lis-surġent.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien qal li għalih, l-aktar importanti kien li jitħallas. Madankollu, ix-xhud xorta irriafferma li l-kont relattiv kien jindika isem is-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2019 reġa' xehed **Mario Agius** in eżami.

Agius hawn ġie mistoqsi speċifikament x'ġara fl-Għassa u spjega li dakinhar, Spiridione Chetcuti, li huwa d-direttur tas-soċjetà konvenuta, kellem lis-surġent u tah xi numru tat-telefon ta' terz li Chetcuti ħaseb li seta' kien bit-trakk dakinhar. Chetcuti u s-surġent kellmu lit-terz u mbagħad, is-surġent qal lil Agius li dan it-terz kien infurmah li kien ser iħallas. Dan, iżda, ma sarx. Il-pretensjoni tal-ħlas baqgħet ferma u d-dejn ma nħafirx. Il-*logbook* tat-trakk intwera lill-Pulizija bħala prova ta' min kien is-sid tat-trakk. Skont Agius, dan kien ta' Spiridione Chetcuti u tas-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019 xehed **Vince Chetcuti** in eżami, prodott mis-soċjetà konvenuta.

Dan xehed li kien azzjonist u direttur tas-soċjetà konvenuta. Chetcuti kompla jixhed li relattivament għall-kontijiet murija minn fol. 2 sa fol. 6 tal-proċess, is-soċjetà konvenuta ma kellha xejn x'taqsam magħhom. Huwa spjega li ma kinux jaħdmu direttament mas-soċjetà attriċi, iżda biss "*iħottu x-xogħol għandhom*". Din kienet tfisser li s-soċjetà konvenuta kienet tħott il-materjal relattiv, is-soċjetà attriċi mbagħad tagħtihom karta li tiġi ffirmata u finalment jinħareġ kont li jitħallas mis-soċjetà konvenuta. Qatt qabel ma kien hemm problemi dwar ħlasijiet.

Chetcuti qal li sar jaf b'din il-kwistjoni meta darba fost l-oħrajn, mar iħott ix-xogħol u l-*accountant* tas-soċjetà attriċi nfurmah li kien fadallu kont ieħor xi jħallas. Chetcuti wieġeb li suppost kollox kien imħallas. L-*accountant* tah l-*invoice* u Chetcuti għaraf li l-firma fuqha ma kinitx "*tagħna*".

Sar xi taħdit bejn Mario Agius, Vince Chetcuti u ħu l-istess Vince Chetcuti fil-preżenza ta' uffiċjal tal-pulizija. Xi ħadd ċempel lil min allegatament ħatt ix-xogħol u jidher li dan qal li kien ser iħallas. Skont ix-xhud, is-soċjetà konvenuta ma kellha xejn x'taqsam u l-kwistjoni suppost kienet solvuta hawn.

Ix-xhud hawn qal li l-firma fuq l-*invoice* ma kinitx tiegħu u lanqas kienet ta' ħuh. Skont ix-xhud, l-insistenza tas-soċjetà attriċi fuq il-ħlas kienet ibbażata fuq in-numru ta' reġistrazzjoni tat-trakk. Ix-xhud kompla jgħid li t-trakk huwa "*ta' trakk żiemel, ma jistax iġorr materjal*" u nsista li t-trakk ma ħariġx mill-garaxx. Ix-xhud qal li ma kienx jaf x'kien għamel min ġarr it-terrapien. Mistoqsi min kien li ġarr il-materjal, ix-xhud qal li kien

hemm miktub li Clint Chetcuti ġarru. Skont ix-xhud, dan Clint Chetcuti sab pjanċi minn xi post u għamilhom fuq it-trakk tiegħu.

Mistoqsi mit-Tribunal, ix-xhud qal li n-numru ta' reġistrazzjoni huwa tagħhom (tas-soċjetà konvenuta) iżda l-pjanċi ma ħarġux mill-garaxx għax ħadd ħlief is-sidien tas-soċjetà konvenuta ma kellu ċ-ċwievet tal-garaxx. Ix-xhud qal li l-vjaġġ bit-trakk ma sarx mis-soċjetà konvenuta u b'xi mod, is-soċjetà attriċi akkwistat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Fl-istess seduta sar il-kontro-eżami tax-xhud.

Ix-xhud beda billi qal li huwa ma kienx preżenti għall-konverżazzjoni fuq it-telefon li kienet tinvolvi lill-uffiċjal tal-pulizija, lil Mario Agius u oħrajn. Hu qal li kien jaf b'din il-konverżazzjoni għax qallu ħaddieħor.

Rigward Clint Chetcuti, ix-xhud qal li huwa għaraf il-firma tal-istess Clint Chetcuti fuq l-*invoice* maħruġa mis-soċjetà attriċi għax dan Clint Chetcuti kien in-neputi tiegħu.Ix-xhud qal li ma kienx jaf minn fejn Clint Chetcuti ġab il-pjanċi (*number plates*) billi kienu x-xhud Vince Chetcuti u ħuh biss li kellhom iċ-ċwievet tal-garaxx. Fil-fehma tax-xhud, ma nsterqux ċwievet, ma kienx hemm bibien żgassati u ma saru ebda rapporti lill-pulizija. Hawn, ix-xhud ċaħad li xi ħadd kien daħal fil-garaxx u ħa n-*number plates* u qal li Clint Chetcuti biss seta' jgħid min daħħal it-terrapien.

Ix-xhud qal li għalkemm hu u ħuh kienu ilhom jaħdmu flimkien ħajjithom kollha u ma ċaħadx li kellhom rapport tajjeb bejniethom; għalkemm kien jaf fejn joqgħod ħuh, ma kienx jaf li Clint Chetcuti, iben ħuh, kien joqgħod fl-istess dar ta' missieru.

Mistoqsi speċifikament dwar indirizzi, ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi kienet topera mill-indirizz 61, Triq il-Plejju u li ħuh kien joqgħod fil-fond numru 13 fl-istess triq. Għad li qal dan, ix-xhud spjega li ma kienx ikun hemm għax il-kumpanija kienet irreġistrata biss fuq dak l-indirizz. Ix-xhud imbagħad dawwar il-verżjoni u qal li ħuh kien joqgħod fil-fond numru 61.

Dwar il-garaxx, ix-xhud qal li dan kien fiż-Żebbiegħ iżda ma kienx jaf l-indirizz preċiż bl-amment.

Dwar il-vettura relattiva, ix-xhud spjega li dan kien Leyland Cruiser *low-loader* li seta' jġorr affarijiet żgħar.

Finalment, mistoqsi dwar l-*invoice* datata 14 ta' Jannar 2017, ix-xhud qal li hu qatt ma rċieva dik l-*invoice* għalkemm kienet mibgħuta fl-indirizz irreġistrat tal-kumpanija. Ix-xhud irrepeta l-istess risposta anki meta ġie mfakkar li ftit qabel, huwa kien qal li ma kienx imur fl-indirizz irreġistrat tal-kumpanija.

Fl-istess udjenza xehed **Spiridione Chetcuti**. Huwa qal li kien wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta u li n-negozju bejn iż-żewġ kumpanniji kien jinvolvi materjal ta' kostruzzjoni. Xi drabi kien ix-xhud stess li mar jittrasporta l-materjal. Huwa kkonferma l-proċedura wżata mis-soċjetà attriċi kif deskritta minn xhieda oħra. Il-ħlas dovut, iżda, ma kienx jitħallas dak il-ħin, iżda darba fix-xahar skont ftehim li kien hemm bejn iż-żewġ kumpanniji. Hu qal li meta jidħol trakk, is-soċjetà attriċi tkun taf l-isem tal-kumpanija għax ikun qalilhom is-sewwieq kif ukoll għax ikunu għarfu lilu personalment. Iżda s-soċjetà attriċi mbagħad ikunu jafu t-trakk ta' min hu permezz tan-numru ta' reġistrazzjoni.

Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta kellha biss żewġ trakkijiet li kienu jġorru t-terrapien u dawk it-tnejn biss kienu suppost jidħlu. Meta x-xhud ra d-dokumenti a fol. 2 sa fol. 6 tal-proċess, huwa qal li dak il-materjal ma ddaħħalx mis-soċjetà konvenuta. Huwa qal li l-vettura relattiva (numru ta' reġistrazzjoni BBD946) kienet *mechanical horse* li ma setgħetx iġġorr materjal. Ix-xhud ikkontenda li ma kinitx is-soċjetà konvenuta li għamlet il-vjaġġi relattivi u għalhekk ma ridux iħallsu l-ammont relattiv. Chetcuti ma kienx jaf min kien qiegħed juża l-vettura relattiva (il-*mechanical horse*) biex idaħħal it-terrapien.

F'telefonata lil Philip Agius, ix-xhud qal li filwaqt li ammetta li n-numru BBD946 kien jappartjeni lis-soċjetà konvenuta. Ftit wara, ix-xhud donnu kkoreġa ruħu u qal li kien kellem lil Mario Agius, mhux lil Philip Agius, fl-uffiċċju tal-istess Mario Agius. Chetcuti qal li drabi oħrajn, kienu marru fl-Għassa tal-Pulizija u s-surġent kien kellem lil min allegatament kellu jħallas, jiġifieri Clint Chetcuti.

Ix-xhud qal li huwa kien informa Mario Agius li l-firma fuq iċ-*chits* kienet tat-terz Clint Chetcuti. Taħt ġurament, ix-xhud indika żewġ firem a fol. 4 tal-proċess li qal li kienu ta' Clint Chetcuti, jiġifieri iben ix-xhud.Ix-xhud qal li huwa kien qal lil ibnu diversi drabi biex dan iħallas għax ladarba huwa daħħal il-materjal, kellu jħallas. Madankollu, ix-xhud qal li Clint Chetcuti ma kellu xejn x'jaqsam mas-soċjetà konvenuta.

Fuq domanda tat-Tribunal, Chetcuti spjega li ż-żewġ vetturi li kienu jġorru t-terrapien kellhom in-numru FBD802 u FBR923. Dwar BBD946, ix-xhud tenna li dik il-vettura ma kinitx iġġorr materjal.

Sar kontro-eżami tax-xhud.

Ix-xhud ikkonferma li sa Frar 2019, ibnu Clint Chetcuti kien joqgħod miegħu fir-residenza fi Triq il-Plejju fl-Imġarr (Malta). Dan ikkonferma wkoll li kien kellem lil ibnu u qallu bies iħallas lis-soċjetà attriċi. Skont ix-xhud, Clint wieġeb fl-affermattiv, jiġifieri li kien ser iħallas. Ix-xhud qal ukoll li drabi oħra fil-passat, Clint ġieli mar juża vetturi tal-kumpanija biex jarmi materjal f'postijiet oħra iżda kien ħallas. Meta ġieli ġara li l-persuni li Clint kien jarmi l-materjal għandhom kienu jċemplu lix-xhud sabiex jivverifikaw, ix-xhud dejjem aċċetta li ibnu kien qiegħed juża l-isem tas-soċjetà konvenuta.

Dwar il-vettura BBD946, ix-xhud qal li din kienet f'garaxx u ċ-ċwievet kienu jinżammu personalment minnu jew minn Vince Chetcuti. Għalkemm it-trakk ma setax iġorr terrapien, in-*number plates* tiegħu setgħu jinqalgħu u jitwaħħlu fuq vettura oħra. Għalkemm skont ix-xhud, Clint Chetcuti ma kellux aċċess għall-garaxx, ma setax jeskludi li ibnu seta' daħal fil-garaxx u neħħa n-*number plates*.

Ix-xhud hawn qal li ibnu Clint Chetcuti personalment kellu vettura kważi identika għall-vettura BBD946 ħlief li kellha lewn differenti u li setgħet iġġorr it-terrapien għax kellha kaxxa.

Ix-xhud kompla jgħid li meta s-soċjetà konvenuta tmur tarmi l-materjal għand is-soċjetà attriċi huwa dejjem hu li jmur. Ma jibgħat ebda xufier ieħor. Ix-xhud hawn ikkonferma li n-numru BBD946 kien jappartjeni lis-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2019 xehed **Manuel Buhagiar**, prodott mis-soċjetà konvenuta.

Buhagiar xehed li huwa kien jaf lil Clint Chetcuti billi darba fost l-oħrajn, kienu waqqgħu garaxx u riedu jqattgħu l-blat sabiex jibnu *basement*. It-terrapien riżultanti minn dan ix-xogħol kien jinġarr minn Chetcuti lejn barriera sabiex jintrema. Buhagiar kien għadu ma tħallasx minn Chetcuti għax-xogħol li għamel. Ir-rwol ta' Buhagiar kien biss li jqatta' il-blat.

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020 xehdet **l-Ispettur Kylie Borg**.

L-ispettur ippreżentat rapport numru 2/D/2454/2017 li sar minn PC768 għan-nom ta' PS1311, liema surġent ma baqax fil-Korp tal-Pulizija. Borg ma kellha ebda kuntatt miegħu. Hija ġiet mitluba taqra mis-sitt paragrafu tar-rapport u qalet hekk:

"*Nista' naqralek illi hemm aġġornament minn PC1307 nhar il-11 ta' Novembru tas-sena 2017 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar fejn irrikorrew l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ Mario Agius u Spiru Chetcuti sabiex jiftehmu bejniethom rigward il-kwistjoni. Jirriżulta li l-vann kien għand ċertu Clint Chetcuti li fil-preżenza ta' Spiru ġie mkellem mill-Pulizija fejn dan stqarr li nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru tas-sena 2017 ser jagħmel tajjeb għall-kont pendenti li kien hemm bejnu u bejn il-kumpanija Philip & Sons.*"

Sar kontro-eżami tax-xhud.

Borg stqarret li ma kinitx involuta fil-każ u ma kienet taf xejn. Rigward l-annotazzjoni li saret minn PC1307, Borg qalet li ma kinitx taf dan il-kuntistabbli kif sar jaf u b'hekk aġġorna r-rapport. Proċeduralment, spjegat li jekk persuna tagħmel rapport u mbagħad, xi ġranet wara, terġa' tmur l-għassa u ssib *shift* ieħor ta' uffiċjali, awtomatikament jinstab ir-rapport mis-sistema u jirkompla.

Saret referenza għal dak li hemm indikat fir-rapport dwar id-19 ta' Novembru. Ix-xhud hemm ikkwotat l-aħħar paragrafu tar-rapport (ara fol. 77 tal-proċess).

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal sejjer jibda billi jindirizza l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha ġie eċċepit li l-istess soċjetà konvenuta għandha tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante nuqqas ta' relazzjoni ġuridika. Is-soċjetà konvenuta spjegat l-eċċezzjoni permezz ta' dawn it-tlett paragrafi fir-Risposta:

> "*Id-debitu reklamat ġie kuntrattat mit-terz Clint Chetcuti ad insaputa u mingħajr il-kunsens tas-soċjetà eċċipjenti;*
>
> *Is-soċjetà eċċipjenti għalkemm kellha relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà attriċi dejjem ħallset a saldu kull debitu minnha dovut, b'dan li d-debitu reklamat f'dawn il-proċeduri ma jirrigwardax negozju li seħħ bejn is-soċjetà eċċipjenti u s-soċjetà attriċi iżda negozju li seħħ bejn is-soċjetà attrici u l-imsemmi Clint Chetcuti;*
>
> *Illi fil-fatt, l-eċċipjenti ma ħadet ebda benefiċċju min-negozju kuntrattat bejn is-soċjetà attriċi u l-istess Clint Chetcuti, tant li kienet għal kollox estranea mill-istess u m'għandhiex tiġi tenuta tħallas għal dak kuntrattat minn terzi a benefiċċju tagħhom*"

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***<u>Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001) li fiha ntqal:

> "*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istessnegozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Din is-sentenza ġiet ikkwotata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***<u>Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd</u>*** (deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009).

Il-qrati spjegaw fis-sentenza***<u>Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited</u>***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April 2008, illi:

> "*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-*

> *aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riżultat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu.*"

Għalhekk, dan it-Tribunal irid jiddeċiedi jekk, fil-verità, hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

Il-provi fuq dan il-punt jikkonvinċu lit-Tribunal li s-soċjetà attriċi kienet kemm-il darba rċeviet materjal ta' kostruzzjoni mingħand is-soċjetà konvenuta sabiex dan ikun mormi fil-faċilitajiet tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud Mario Agius, direttur tas-soċjetà attriċi xehed (a fol. 29) li xi direttur tas-soċjetà konvenuta kien aċċetta li jħallas numru ta' *invoices* iżda mhux l-*invoice* mertu ta' din il-kawża. Fil-kontro-eżami (fol. 32 u 33), Agius ikkonferma li fil-passat, is-soċjetà konvenuta kienet għamlet pagamenti lis-soċjetà attriċi. Huwa ovvju li l-pagamenti ma sarux *in vacuo*, iżda bi ħlas għal servizzi reżi lis-soċjetà konvenuta!

Il-kumpanniji kienu jafu lil xulxin tant li meta xehed Vincent Chetcuti (ara fol. 43), huwa qal li kien l-*accountant* tas-soċjetà attriċi li avviċinah u qallu li kien baqa' kont ieħor x'jitħallas (jiġifieri l-kont ikkontestat li jifforma l-mertu ta' din il-kawża). Fil-fatt, fit-traskrizzjoni li tinsab a fol. 45, Vincent Chetcuti xehed "*Dejjem ħallasnihom, dejjem square*". Żgur li ma kinitx tintuża l-kelma "*dejjem*" kieku din kienet xi okkażjoni *one-off*.

Bl-istess mod, Spiridione Chetcuti xehed (a fol. 51) li n-negozju bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà attriċi kien "*Konna ndaħħlulha t-terrapien, materjal tal-kostruzzjoni, jgħaddi xahar u nħallsu*". Dan iktar ikompli jikkonferma li donnu kien hemm xi arranġament fejn is-soċjetà konvenuta kienet tħallas lis-soċjetà attriċi darba kull xahar għal dak kollu li jkun sar fix-xahar preċedenti. Spiridione Chetcuti stess iddeskriva l-proċedura li kienet tintuża mis-soċjetà attriċi meta trakk imur jarmi l-materjal fil-faċilità tal-istess soċjetà attriċi (ara fol. 51 u 52). Tant hu jekk, li meta mistoqsi jekk "*ġieli*" marx jagħmel dak it-tip ta' xogħol, Spiridione Chetcuti wieġeb fl-affermattiv u saħansitra kompla jixhed b'mod li juri li kien ferm familjari mal-proċeduri tas-soċjetà attriċi. Lejn it-tmiem tax-xhieda tiegħu (ara fol. 62), Spiridione Chetcuti qal li huwa kien imur personalment jarmi l-materjal għand is-soċjetà attriċi u ma kienx jibgħat xufiera.

Billi kien hemm multipliċità ta' okkażjonijiet fejn is-soċjetà konvenuta marret tarmi materjal tal-kostruzzjoni għand is-soċjetà attriċi, m'hemm xejn sorprendenti li din l-azzjoni, li tirrigwarda ħlas għal rimi ta' materjal ta' kostruzzjoni, kienet diretta kontra s-soċjetà konvenuta. F'għajnejn is-soċjetà attriċi, kien hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet.

Fix-xhieda tiegħu a fol. 30 u 31, Mario Agius xehed li meta tidħol vettura biex tarmi l-materjal, is-soċjetà attriċi tinduna lil min trid tinħareġ l-*invoice*, fost affarijiet oħra, mill-isem tan-negozju jew kumpanija li jkun indikat fuq il-vettura stess.

Mario Agius xehed ukoll li element indentifikatorju ieħor huwa n-numru ta' reġistrazzjoni (*number plate*) tal-vettura. F'dan il-każ, il-partijiet jaqblu li l-vettura li ntużat, jiġifieri BBD946, hija rreġistrata f'isem Spiridione Chetcuti (266265M) skont il-kopja tal-*logbook* li tinsab a fol. 36. Spiridione Chetcuti xehed (fol. 51) li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidrat dan kollu, it-Tribunal josserva li huwa ovvju li hemm relazzjoni ġuridika bejn Philip Agius & Sons Limited u Chet Bros. Limited. Is-soċjetà attriċi ma kellha ebda raġuni sabiex tidderieġi din l-azzjoni kontra xi persuna oħra. Anzi, il-ftuħ ta' din il-kawża kontra s-soċjetà konvenuta sab ruħu fuq bażi iktar soda meta rriżulta mill-*logbook* li l-vettura BBD946, li ntużat biex twassal il-materjal relattiv, kienet irreġistrata fuq Spiridione Chetcuti li kien direttur tas-soċjetà konvenuta!

Jirriżulta mill-atti li għalkemm Clint Chetcuti ġie msejjaħ fil-kawża fuq talba tas-soċjetà konvenuta, dan qatt ma ppreżenta risposta, qatt ma xehed u ma deher għal ebda seduta. L-Art. 962 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-persuna msejħa fil-kawża tkun meqjusa parti konvenuta u għandha tiġi innotifikata bir-rikors promotur. Skont ir-riferta li tinsab a fol. 22 tal-proċess, Clint Chetcuti ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba fit-23 ta' Frar 2019 fl-indirizz *13, "Madonna tal-Ħniena", Triq il-Plejju, l-Imġarr (Malta)*. Dan l-indirizz kien magħruf mis-soċjetà konvenuta kif jidher mill-verbal tat-13 ta' Frar 2019 (fol. 21) fejn hemm miktub:

"*Dr Timothy Bartolo għas-soċjetà konvenuta b'referenza għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni jitlob il-kjamat fil-kawża ta' Clint Chetcuti u ddikjara li l-istess soċjetà konvenuta ser tieħu ħsieb hija stess sabiex tinnotifika lill-istess kjamat fil-kawża.*"

Ebda waħda mill-partijiet ma tellgħet lil Clint Chetcuti sabiex jixhed. Jekk is-soċjetà konvenuta verament riedet tikkonvinċi lit-Tribunal li Clint Chetcuti kien il-persuna li kellu jħallas, messha tellgħetu sabiex jixhed. It-Tribunal osserva li mhux biss Clint Chetcuti ma ġiex imħarrek sabiex jixhed iżda kien biss fil-kontro-eżami li sar lil Vincent Chetcuti (fol. 45 *et seq.*) li ħareġ il-fatt li Clint Chetcuti huwa iben Spiridione Chetcuti u neputi ta' Vincent Chetcuti.

It-Tribunal jinnota li eżattament wara li dan il-fatt ġie żvelat, it-tweġibiet ta' Vince Chetcuti bdew isiru pjuttost xotti u tat-tip li joħolqu konfużjoni minflok jiċċaraw l-affarijiet. Tant hu hekk lit-Tribunal ħass il-bżonn li darbtejn wara xulxin ifakkar lix-xhud li kien qiegħed jixhed taħt ġurament (ara fol. 48).

It-Tribunal ma jsibx li Vincent Chetcuti kien xhud ta' kredibilità eżemplari meta qal li ma kienx jaf fejn jgħix Clint Chetcuti għalkemm kienet is-soċjetà konvenuta (li tagħha Vincent Chetcuti huwa direttur) li ħadet ħsieb tinnotifikah bl-Avviż tat-Talba (ara fol. 21). Fi kwalunkwe każ, huwa diffiċli jitwemmen li x-xhud ma kienx jaf fejn jgħix it-tifel ta' ħuh, speċjalment meta x-xhud u ħuh kienu diretturi tal-istess kumpanija f'Malta!

Is-soċjetà konvenuta argumentat li Clint Chetcuti aġixxa ad insaputa tas-soċjetà konvenuta u mingħajr il-kunsens tagħha.

Il-mod loġiku kif wieħed iġib prova ta' dan huwa li Vincent u Spiridione aħwa Chetcuti messhom, sa mill-bidu stess, qalu ċar u tond li kien il-qarib tagħhom Clint Chetcuti li kkuntratta d-debitu relattiv u li la huma u lanqas is-soċjetà konvenuta ma kellhom x'jaqsmu. Minflok imxew hekk, kif diġà ġie osservat mit-Tribunal, kien biss fil-kontro-eżami li sar lil Vincent Chetcuti (fol. 45 *et seq.*) u biss wara domanda tal-avukat tas-soċjetà attriċi, li Vincent Chetcuti ammetta li Clint Chetcuti kien in-neputi tiegħu.

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Spiridione Chetcuti (fol. 57 *et seq.*). Fil-kontro-eżami, Chetcuti ammetta li meta kien kellem lil Mario Agius u għaraf il-firma ta' ibnu fuq iċ-*chits* jew *invoices* relattivi, huwa mar lura lejn daru u kellem lil ibnu u jidher li ibnu, Clint Chetcuti, qal li kien ser iħallas l-ammont relattiv. Dan kien qabel il-ftuħ tal-kawża.

Jidher għalhekk ċar li Spiridione Chetcuti għaraf il-firma bħala l-firma ta' ibnu. Vincent Chetcuti wkoll għaraf dan (ara fol. 45).

Spiridione u Vincent Chetcuti setgħu faċilment evitaw iċ-ċirkonlokuzzjonifix-xhieda tagħhom billi qalu ċar u tond sa mill-bidu tax-xhieda tagħhom li l-firma kienet ta' Clint Chetcuti. Minflok, huma donnhom taw l-impressjoni li ma kinux jafu ta' min kienet il-firma (ara x-xhieda ta' Vincent Chetcuti a fol. 43). Kellu jkun il-kontro-eżami li jikxef li Vincent Chetcuti kien jaf li l-firma kienet tan-neputi tiegħu! L-istess jgħodd għal Spiridione Chetcuti. Meta dan saħansitra ġie muri d-dokumentazzjoni a fol. 2 sa 6 tal-proċess u għalhekk seta' faċilment jara l-firem relattivi (ara fol. 52 u 53), żamm lura milli jgħid li l-firem kienu ta' ibnu. Kien biss iktar tard, jiġifieri a fol. 54 u 55, li fl-aħħar Spiridione Chetcuti ammetta li l-firem kienu ta' ibnu!

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Spiridione Chetcuti (fol. 57 *et seq.*) u josserva li dan ma ċaħadx li ibnu kien qiegħed juża l-isem tas-soċjetà konvenuta meta mar jarmi l-materjal fil-faċilità tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal ukoll li drabi oħra, ibnu kien għamel dan ukoll ma' kumpanija oħra. Iżda din il-kumpanija l-oħra kienet aktar għaqlija u kienet l-ewwel tivverifika mas-soċjetà konvenuta jekk Clint Chetcuti kienx qiegħed jaġixxi f'isimha. Ix-xhud ikkonferma li meta kien jirċievi dawn it-telefonati, kien jikkonferma li Clint Chetcuti seta' jingħata kreditu f'isem is-soċjetà konvenuta. Fuq domanda tat-Tribunal (fol. 59), Spiridione Chetcuti reġa' ma ċaħadx li hu kien jagħti permess lil ibnu biex juża isem is-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà attriċi argumentat li Clint Chetcuti kellu mandat taċitu mingħand is-soċjetà konvenuta filwaqt li l-istess soċjetà konvenuta ċaħdet dan.

L-Art. 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:

"*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.*"

Il-Prim' Awla, fis-sentenza ***Elizabeth Elkhiate et vs. Emanuel Attard et*** (deċiża fit-28 ta' Frar 2001), qalet:

"*Il-mandat jista' jinghata mhux biss bil-miktub, imma anke bil-fomm u anki tacitament. (Rizzo Bamber vs Rizzo PA 11.1.50) Il mandato a comperare immobili non e' soggetto alla necessita' dello scritto, e percio' e' ammissibile la prova testimoniale per dimostrarlo ( Galea vs Gauci 24.4.1931 App.)*"

Inoltre, jingħad fis-sentenza ***Carmen Aquilina et vs. Edgar Ellul*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2003):

"*In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe` li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad li huwa wiehed tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volontà tieghu lijzomm fermi d-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta.*"

Huwa evidenti li ladarba huwa ppruvat li Clint Chetcuti, fil-passat, kien aġixxa f'isem is-soċjetà konvenuta versu terzi (Schembri Brothers, jew "Barbros", kif ix-xhieda irreferew għalihom), m'hemmx dubju li s-soċjetà konvenuta, bħala dik li tat il-mandat taċitu lil Clint Chetcuti, kienet pjenament konsapevoli tal-vera portata u tal-effetti tal-att imwettaq minn Clint Chetcuti hekk kif id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta saru jafu bl-istess att.

Mix-xhieda ta' Mario Agius ma jirriżultax li huwa ġie nfurmat minn Spiridione jew minn Vincent Chetcuti li l-firem kienu ta' Clint Chetcuti u li għalhekk kien dan Clint Chetcuti li kellu jħallas. Mill-kontro-eżami (fol. 34) irriżulta li Mario Agius ma kienx jaf personalment li l-persuna lil saritilha telefonata fl-Għassa tal-Pulizija kien Clint Chetcuti u li dan wiegħed li jħallas. Mario Agius kien jaf dawn l-affarijiet għax kienu affarijiet li ntqalu lilu u mhux għax kellu għarfien personali ta' dan.

Għalhekk, it-Tribunal jikkonkludi li għalkemm mhux eskluż li meta Clint Chetcuti mar jarmi l-materjal fil-faċilità tas-soċjetà attriċi, għamel dan ad insaputa tad-diriġenti tas-soċjetà konvenuta, dawn malajr saru jafu b'dan kollu meta raw il-firem fuq iċ-*chits* relattivi tant li Spiridione Chetcuti kellem lil ibnu dwar il-kwistjoni.

Għalkemm forsi inizjalment, Clint Chetcuti għamel il-vjaġġ relattiv bil-materjal ad insaputa tas-soċjetà konvenuta, il-provi juru ċar li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta malajr saru jafu bl-akkadut u m'għamlu xejn biex jiddistakkaw lis-soċjetà konvenuta mill-aġir ta' Clint Chetcuti. Fil-laqgħat li saru, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta sempliċement qal li l-materjal ma nġabx minnu (ara fol. 28 u 29).

L-istess jgħoddu għall-kwistjoni tal-kunsens. Meta Spiridione Chetcuti xehed li huwa kellem lil ibnu dwar il-ġarr tal-materjal u ibnu qal li kien ser iħallas, ma jidher minn imkien li Spiridione u Vincent ċanfru lil Clint Chetcuti talli dan kien ittrasporta xi materjal lis-soċjetà attriċi b'mod li s-soċjetà attriċi ikkonkludiet li l-ħlas għal tali rimi ta' materjal kien dovut mis-soċjetà konvenuta.

Finalment, f'ebda punt ma ntqal mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta fix-xhieda tagħhom li Clint Chetcuti aġixxa mingħajr il-kunsens tagħhom. Ma jirriżulta minn imkien li dawn ċanfruh jew li dawn aġixxew fil-pront biex jinfurmaw lis-soċjetà attriċi li Clint Chetcuti kien responsabbli għal għemilu u li s-soċjetà konvenuta ma kellhiex x'taqsam miegħu, jiġifieri biex jirrevokaw il-mandat taċitu. Għalhekk, l-ispjegazzjoni mogħtija fl-eċċezzjonijiet ma tinsabx ippruvata sakemm u safejn huwa allegat li Clint Chetcuti aġixxa mingħajr il-kunsens tad-diriġenti tas-soċjetà konvenuta.

Sabiex jevita dilungar u repetizzjonijiet inutli, it-Tribunal, fil-konsiderazzjoni tiegħu tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, jirreferi ampjament għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmulin.

It-Tribunal iħoss li jkun utli li jindirizza anki l-kwistjoni li tirrelata għall-vettura BBD946.

Billi m'hemmx ritratti tal-vettura BBD946 li ġiet użata biex tittrasporta l-materjal relattiv, it-Tribunal ma jafx b'ċertezza jekk din il-vettura kellhiex indikat fuqha l-isem tas-soċjetà konvenuta. Madankollu, dan ma ġiex miċħud mis-soċjetà konvenuta. Anzi, ladarba Mario Agius indika li wieħed mill-mezzi sabiex is-soċjetà attriċi ssir taf min ikun mar jarmi materjal fil-faċilità tagħha huwa billi jħarsu lejn dak li jkun stampat fuq il-vettura (ara fol. 30 u 31), it-Tribunal jinsab konvint, fuq bilanċ ta' probabilità, li din il-vettura għandha xi *logo* jew disinn jew indikazzjoni oħra li tappartjeni lis-soċjetà konvenuta. Din il-konvinzjoni hija msaħħa mill-fatt li l-*logbook* jorbotha ma' Spiridione Chetcuti li huwa direttur tas-soċjetà konvenuta.

Diversi drabi ntqal minn Spiridione u Vincent Chetcuti li l-vettura BBD946 ma setgħetx iġġorr materjal billi ma kellhiex "kaxxa". Għalkemm it-Tribunal mhux mgħarraf fid-dettal dwar kif jaħdmu dawn il-vetturi speċjalizzati, it-Tribunal jinnota li l-*logbook* (fol. 36), fit-taqsima F.1, jgħid li l-ogħla massa permissibbli meta l-vettura tkun mgħobbija tammonta għal massimu ta' tletin elf kilogramma. Dan ifisser li skont il-*logbook*, il-vettura tista', b'xi mod, iġġorr xi affarijiet!

Magħmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal jikkonkludi li t-talbiet tas-soċjetà attriċi jimmeritaw li jkunu milqugħa fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kif ukoll fil-konfront tal-kjamat fil-kawża li fi kwalunkwe każ, huwa kontumaċi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema'ix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta u lill-kjamat fil-kawża *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija, sitta u disgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€896.52) bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-14 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta u mill-kjamat fil-kawża solidalment bejniethom.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**